MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 295/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Borg Angela**
**I.D. 11580 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet llil- konvenuta l-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (€458.65), liema somma tipprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 415565 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa giet ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitamenta notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija u hamsa u tmenin  Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (€458.65), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------